MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru 928/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. Anthony Cassar)**
**vs**
**Carmelo Joseph Psaila**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmelo Joseph Psaila** ta’ 36 sena, iben Angelo u Veronica O’Dwyer, imwieled il-Pieta’ fil-25 ta’ Frar, 1970 u residenti fi 24, “Silver Lining”, Triq G. Agius Muscat, Haz-Zabbar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 174988M akkuzat talli:

Fi Triq Gebel Hanxul u fi bnadi ohra f’Marsaskala, nhar it-8 ta’ Marzu, 2006 ghall-habta ta’ xi l-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar:

Bil-hsieb li taghmel delitt u cioe’ ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta’ martek Ruth Psaila minn Marsaskala, wrejt dan il-hsieb b' atti estemi u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta filwaqt li heddidtha bil-mewt, soqt il-vann tieghek bin-numru tar-registrazzjoni CAT-741 fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghek u dan ai termini tal-artikoli 41(l)(a) kif ukoll 218(l)(a)(b);

Soqt 1-istess vettura CAT-741 b’ manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

Soqt 1-istess vettura b’ giri aktar milli jmissek;

U aktar talli f’Marsaskala wkoll nhar it-23 ta’ Settembru, 2004 ghall-habta ta’ xi 1-ghaxra ta’ fil-ghaxija:

Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ martek Ruth Psaila minn Marsaskala f periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha billi hebbejt ghaliha u tajtha diversi daqqiet ta’ ponn kif ukoll daqqiet ta’ sieq fuq diversi partijiet ta’ gisimha, liema offizi ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gabu difetti permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem u dan skond ma ccertifikaw Dr. Ian Gauci MD., mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid u Dr.Franco Mercieca MD., u dan ai termini tal-artikoli 41(l)(a) kif ukoll 218(l)(a)(b);

Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lill-imsemmija Ruth Psaila kontra 1-volonta’ taghha, waqt li heddidtha bil-mewt.

U aktar talli f’ Marsaskala tul dawn 1-ahhar sentejn f’diversi hinijiet tal-gurnata:

B’ diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru 1-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, heddidt lil martek Ruth Psaila bil-mewt;

Kif ukoll talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamilt diversi reati li kellek tissorvelja sabiex ma jsirux jew li minhabba 1-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' 1-imsemmija Ruth Psaila u tal-familjari taghha, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Carmelo Joseph Psaila b'obbligazzjoni tieghu inniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju mahrug mill-Avukat Generali tat-23 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat dwar dak ravvizat fl-artikoli 18, 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 141, 214, 339(1)(e), 382A, 412C, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, fl-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-regolament 127(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-1994;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza titratta dwar tlett incidenti bejn l-akkuzat u l-mara tieghu l-kwerelanta li sehhew fuq medda ta' zmien. Jirrizulta illi l-koppja Psaila kienet ghaddejja minn zminijiet difficli hafna fiz-zwieg taghhom, tant li kienu wkoll inizzjaw proceduri ta' separazzjoni personali minn xulxin. L-akkuzi jitrattaw dwar allegazzjoni ta' vjolenza fuq il-kwerelanta fejn f'wiehed minnhom ssubiet feriti ta' natura permanenti.;

Il-kwerelanta tat deskrizzjoni tal-incidenti li sehhew matul din ir-relazzjoni. Tibda billi tispjega l-isfond ta' dan kollu billi fl-1996, hi kellha titlaq mid-dar, bit-tfal taghhom,

minhabba s-swat u l-agir agressiv ta’ l-akkuzat. Fit-23 ta’ Settembru 2004, ghall-habta tad-9.30pm kienet harget mid-dar taghha fi Triq l-Iskall Wied il-Ghajn biex tmur passiggata meta f’hin minnhom waqaf ir-ragel taghha bil-vann tieghu, hareg mill-vann u beda jghajjarha li hi prostituta. Kompliet tghid li hu gibdilha l-pouch li kellha ma qaddha, tefa l-pouch fil-vann tieghu u beda jsawwatha bil-ponn kif ukoll bis-sieq. Meta pruvat tahrab, gera warajha u meta qabadha beda jkaxkaraha minn xagharha. Minkejja li stordiet bid-daqqiet f’rasha, l-imputat xorta wahda intefa’ fuqha u kompla itiha. F’dak il-hin gew xi persuni biex jwaqqfuhom izda l-akkuzat kompla jigri warajha u kaxkarha minn xaghra u kompla jaghtiha d-daqqiet. Ftit wara gew xi ufficjali tal-Pulizija u “waqaf itini d-daqqiet”. Xehdet ukoll illi marret il-polyclinic fejn kienet certifikata minn Dr. Ian Gauci li kienet qed tbati minn diversi tbengil u gdim f’diversi partijiet ta’ gisimha. Xehdet li baqghet mugugha f’halqa u marret ghand id-dentist kuranti taghha fejn iccertifikaha li kellha snienha ta’ quddiem ta’ fuq imkissrin u kellha x-xoffa ta’ isfel maqsuma. Hi baqghat ghaddejja bit-trattament ta’ snienha sal-gurnata li xehedet. Fil-fatt, jirrizulta li l-kwerelanta ghamlet diversi xhur tkun ikkurata rigward snienha;

Il-Qorti rat ic-certifikat mediku mahrug minn Dr. Ian Gauci MD li kien ikkonstata griehi konsistenti f’diversi abbrazzjonijiet, ugieh u marki ta’ gdim (fol 73) u semghet ix-xhieda tal-istess tabib mediku. Rat ukoll ic-certifikat mediku mahrug mid-dentist Dr. Franco Mercieca, jumejn wara l-incident (fol 16) li rriskontra l-feriti deskritti mill-kwerelanta fix-xhieda taghha. Ghat-trattament ta’ snienha, l-kwerelanta kienet gia nefqet is-somma ta’ 700 liri maltin (fol 79 sa 81);

Xehdet ukoll Mandy Pellicano dwar l-incident ta’ Settembru 2004 u qalet li dakinhar kienet qed thott xi affarijiet mill-vettura taghha ghal gewwa d-dar taghha u semghet l-ghajjat. Meta marret tara x’kien dan l-ghajjat hemmhekk gharfet lill-akkuzat u lil kwerelanta u semghatu jirrepeti dejjem l-istess kliem “fejn huma t-tfal, fejn huma t-tfal?”, imbaghad imbuttaha u taha daqqa go wiccha b’idejh. Qalet li l-akkuzat beda jghid li kien ilu xi erba xhur ma’ jara t-tfal u deher feroci minhabba dik il-problema.

Qalet li l-kwerelanta ppruvat tahrab minnu u ma ppruvatx tirritalja lura u li ppruvat tidhol bejniethom biex tikkalma s-sitwazzjoni. Qalet ukoll li kien hemm xi basket fin-nofs li il-partijiet bdew jissieltu mieghu

Dwar it-tieni incident, il-kwerelanta tghid li dan sehh nhar it-8 ta' Marzu 2006 fejn din id-darba, hi kienet ghadha kemm tirritorna mill-post tax-xoghol taghha ghall-habta ta' 1.45 pm. Hi spjegat illi mill-biza li kellha minn zewgha kienet tipparkja l-vettura taghha boghod minn fejn kien toqghod u filwaqt li kienet miexja lejn id-dar semghet magna ta' vettura tirrejzja u ndunat li kien hemm vann li qed jinstaq *wrong way* u li kien sejjer fid-direzzjoni taghha u ndunat li kien qed jinstaq mill-akkuzat. X'hin rat hekk, telghet il-bankina u marret tiskenn wara telephone box b'mod li ma setax jilhaqha. Dak il-hin hu qalilha d-diskors "pprova inzel il-bankina" waqt li kien qed jidhaq b'mod sarkastiku. Hi qalet li dak il-hin ma marritx taghmel rapport izda marret tigbor it-tfal mill-iskola. Xehed ukoll PS 91 Michael Buttigieg li kkonferma illi dwar l-incident de quo kien sar rapport mill-kwerelanta dakinhar stess, pero ghall-habta ta' l-4.30pm, liema rapport hu esebit in atti.

L-istess kwerelanta ziedet tghid illi ta' spiss kienu jsehhu incidenti bejniethom. L-imputat kien isegwiha bil-vettura tieghu u gieli kien jaghmel xi storbju anke wara l-bieb tad-dar taghha. Kien ukoll jghidilha diskors fis-sena illi "*I'll break your neck*, jien nghamililek, dalwaqt tispicca , jien neqirdek" (fol 57).

Kwantu ghall-vettura msemmija u l-istat tal-imputat bhala ufficcjal pubbliku, rapprezentat ta' Trasport Malta ikkonferma li n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura msemmija fl-akkuza tappartjeni lill-imputat. Lt. Mario Fabri ikkonferma ukoll illi l-akkuzat huwa membru tal-Forzi Armati ta' Malta u jahdem fl-air wing tal-armata bhala bumbardier u ghandu s-sengha ta' air technician

Il-Qorti taghzel illi ma tiehux konjizzjoni tal-istqarrija tal-imputat esebita in atti ghaliex, u kif diversi drabi minnha ritenut f'kawzi ohra, din mhix iffirmata mill-akkuzat u ghalhekk ma ghandha l-ebda effett probatorju. L-akkuzat,

izda, ghazel minn jeddu li jixhed f'dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu huwa qal li kien kellu suspetti li t-tifla minuri tieghu kienet qed tiffrekwenta postijiet li ma kienux xierqa ghaliha. Ma kienx jaf fejnha r-residenza tal-mara tieghu u dakinhar tat-8 ta' Marzu 2004 lemaha kif dar minn Triq Habersha, Marsaskala. Huwa qal li ma kienx qed jinghatalu access ghat-tfal tieghu. Dakinhar hu kellu jiehu t-tfal ghall-habta ta' l-4.30pm u kien ghaddej minn dik it-triq meta l-kwerelanta waqfet quddiemu u bblokkat it-triq tieghu biex tkellmu. Dak il-hin nizlu wkoll it-tfal jibku u meta staqsiha x'gara qaltu li hu ma riedx jara aktar it-tfal u li dakinhar hu ma kienx gej. Dak il-hin hu baqa' skantat, it-tifla telghet fil-vann  u ghadda minn Triq Gebel Hanxur fejn hemmhekk ghaddiet oht il-kwerelanta bil-vettura taghha u ghamliltu mossa b'subghajha. Hu mar jaghmel rapport dwar din il-mossa fl-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar. Qal ukoll li dakinhar tat-8 ta' Marzu 2004 hu m'ghamel l-ebda manuvra bil-vettura tieghu.

Fir-rigward ta' l-incident li sehh fit-23 ta' Settembru 2004 hu xehed li l-mara tieghu kienet regghet telqet mid-dar u ma kienx jaf fejn marret. Qal li ma kienx qed ikollu access ghat-tfal minkejja li kienu ghamlu ftehim. Rega kellu s-suspetti li t-tfal tieghu qed jiffrekwentaw postijiet li mhux dicenti ghall-eta' taghhom u mar fil-vicinanzi ta' fejn kienet tghix il-kwerelanta u qalilha li mhux qed thallieh jara t-tfal u jekk kellha tohrog ma kellhiex thalli t-tfal wahedhom. Qal li beda jistaqsiha fejnhom it-tfal u l-kwerelanta ma rieditx ittih risposta u bdiet tghajjat mieghu li kien hu li abbandunhom. Sussegwentement kellhom argument u serqitlu c-cwievet tal-vettura tieghu u hu pprova jehodhom minn idejha u f'hin minnhom waqghet ma' l-art. L-akkuzat ikkonferma li x-xhud Mandy Pellicano kienet prezenti il-hin kollu waqt dan l-incident u bdiet tghid lil kwerelanta biex ittih ic-cwievet lura. L-akkuzat zied jghid illi l-kwerelanta ma rieditx ittih ic-cwievet lura izda fl-ahhar hadhom. Hu spejga li  c-cwievet hadhom minn idejha waqt li martu kienet ma' l-art u qaghdet tissara u taghti bis-sieq. Hu spicca ghar-kubbtejh u t-tnejn komplew jissaraw ghax it-tnejn riedu c-cwievet. Fl-ahhar irnexxielu jehodhom u meta gie biex imur,  Mandy Pellicano qaltlu li xi girien cemplu lill-pulizija u kien ahjar kieku jibqa' hemm.

Pellicano bdiet tkellmu u tikkalmah pero' beda jghidilha li ma setax jibqa' hemm u telaq jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija. Meta dahal l-ghassa, madanakollu, qalulu li l-mara kienet diga ghamlet rapport fuq dak li gara u kien hemm numru ta' xhieda;

Fix-xhieda tieghu, l-akkuzat jichad li qatt hedded lill-mara tieghu u kkonferma li l-incidenti huma kollha marbutin ma' l-access tat-tfal. Ikkonferma wkoll li minkejja li l-feriti fuq persuntha ma kkagunhomx hu, jista' jkun li kkawzalha xi girfa fuq daharha waqt li waqghet ma' l-art;

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza jemergi mill-provi illi kemm fit-8 ta' Marzu 2006 kif ukoll fit-23 ta' Settembru 2004 kien hemm incidenti bejn l-akkuzat u l-kwerelanta martu. Ix-xhieda taghhom, madanakollu, hija konfliggenti dwar dak li sehh f'dan iz-zewg incidenti. Hawnhekk, il-Qorti tirribadixxi illi mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat, u b'hekk, fil-kaz in dizamina, dan il-kunflitt ta' provi jkun ezaminat fid-dawl ta' provi ohra mressqa mill-prosekuzzjoni u mill-akkuzat;

Illi fir-rigward tal-incident li sehh fl-24 ta' Settembru 2004, din il-Qorti issib illi l-verzjoni moghtija mill-akkuzat hija wahda inverosimili mal-provi l-ohra mressqa fil-konfront tieghu. Mix-xhieda ta' l-akkuzat tinghata l-impressjoni illi hu ried jiehu c-cwievet lura minghand martu, li allegatament kienet hadithomlu, u li bdew jissieltu fil-mument li kienet mal-art. Il-Qorti ssib li din il-verzjoni ma tikkombacjax mal-fatt illi l-kwerelanta ssubiet t-telf ta' snien skond c-certifikati mahruga mit-tobba kif ukoll mid-dentist in rigward.  Di piu, ix-xhud Mandy Pellicano, ghalkemm fix-xhieda taghha ma tantx tiftakar dettalji, taghti bizzejjed indikazzjoni li juru 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-akkuzat taha daqqa wahda f'wiccha – daqqa li setghet facilment tikkawza l-griehi fis-snien u fil-wicc kif issubiet il-kwerelanta. L-akkuzat xehed illi qaghad jiehu l-iskomdu li jmur jirraporta lill-oht il-kwerelanta l-ghassa tal-pulizija ghaliex ghamlitlu mossa baxxa u hawnhekk il-Qorti tistaqsi ghaliex ma marx jirraporta lil

martu li serqitlu c-cwievet tal-vettura tieghu minflok li joqghod jissara maghha meta dan huwa kwistjoni aktar serja minn mossa baxxa? Minn dak li kkonstatat il-Qorti b'ghajnejha stess, il-kwerelanta hija persuna ta' statura zghira u delikata jew ahjar *petite* u ma tistghax timmaginha tehodha mal-akkuzat f'xi taqtiegha ghal xi cwievet;

Illi fir-rigward ta' l-incident li sehh fit-8 ta' Marzu 2006, il-verzjoni moghtija mill-akkuzat, u cioe' li kienet l-istess kwerelanta li harget fin-nofs tat-triq biex twaqqfu m'hijiex verosimili mac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Il-Qorti tinnota li r-relazzjoni ta' bejn dawn il-konjugi hija wahda mimlija tensjoni u ghalkemm il-Qorti tista' tissimpatizza mal-frustrazzjoni ta' missier li jixtieq jara lit-tfal tieghu, din il-frustazzjoni ma' tista qatt twassal jew tiskuza l-vjolenza da parti ta' l-istess missier – bhalma jidher li huwa l-kaz *de quo*. Pero' wara li l-akkuzat jghid illi ma kienx jaf fejn qed toqghod martu issa irid il-Qorti temmnu meta jghid illi kienet hi li harget fin-nofs tat-triq biex twaqqfu meta kien ghaddej bil-vann tieghu. Il-Qorti ssib li l-verzjoni moghtija mill-akkuzat hija wahda inverosimili mac-cirkostanzi fattwali tal-kaz.

Illi minn dak li semghet il-Qorti, l-akkuzi kollha jirrizultaw pruvati hlief dik dwar sewqan b'giri aktar milli jmissu u dwar din il-kontravenzjoni, l-imputat qed ikun liberat;

Illi fir-rigward ta' l-aggravju kkontemplat fl-Artikolu 141, u cioe meta ufficjal pubbliku iwettaq reat li kien fid-dmir li jissorvelja li ma jsirx, m'hemmx dubju li a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kodici Kriminali membru tal-Forzi Armati huwa ufficjal pubbliku u ghalhekk ghandu d-dmir li jara li jinzamm l-ordni pubbliku u mhux li jaghmel hu stess azzjoni li tikser dan l-ordni. Ghalhekk dan l-aggravju jissussisti.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghal dik ta' sewqan b'giri aktar milli jmiss;

Rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 141, 214, 218(1), 339(1)(e), 382A u 412C tal-Kodiċi Kriminali Kap 9, u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Dwar il-piena, l-Qort thoss illi m'ghandiex titratta mal-hati bhala *first offender* fl-ewwel lok ghaliex mhuwiex hekk u fit-tieni lok ghaliex it-tortura li kkawza lill-martu hija tali li ma jisthoqqlux li jkun hekk trattat. Il-Qorti thoss illi ghalkemm huwa naturali li kull individwu ikun anzjuz dwar uliedu f'mumenti ta' separazzjoni personali, dan ma ghandu qatt u qatt jiehu l-ligi b'idejh u jaghmel dak li ghamel il-hati. Il-konsegwenza ta' dan kollu hu li l-vittma u uliedha jibqghu tormentati ghall-zmien twil b'dan l-akkadut u f'kazijiet li jista' jwassal ghall-forom ta' ossessjonijiet serji. Dan ma kienx incident ta' darba u l-hati seta jaghraf li kien ghamel hazin wara l-ewwel okkazzjoni izda ghazel li jibqa' ghaddej b'din it-tortura sakemm fl-ahhar ikkawza hsara permanetni fil-gisem tal-kwerelanta u dan ma jistghax jghaddi inosservat minn din il-Qorti. Ghal dawn il-motivi qed tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum;

Inoltre qed tiskwalifikah mil-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien sena minn meta jiskonta s-sentejn prigunerija u tohrog kontra tieghu ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett snin minn meta jiskonta t-terminu ta' prigunerija skond id-dispsot tal-artikolu 382A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------